

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Diċembru 2006

li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 fir-rigward ta' linji gwida u proċeduri għall-identifikazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 6522)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/968/KE)

(ĠU L 401, 30.12.2006, p. 41)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/337/KE ta' 1-24 ta' April 2008	L 115	33	29.4.2008
► <u>M2</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/280/UE tat-12 ta' Mejju 2010	L 124	5	20.5.2010



DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Diċembru 2006

li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 fir-rigward ta' linji gwida u proċeduri għall-identifikazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 6522)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/968/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jstabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 91/102/KEE u 64/432/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(d) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) jipprevedi li kull Stat Membru għandu jstabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini skond dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 21/2004 jipprevedi wkoll li l-annimali kollha f'azjenda mwielda wara d-9 ta' Lulju 2005 għandhom jiġu identifikati b'żewġ mezzi ta' identifikazzjoni. L-ewwel mezz ta' identifikazzjoni huma lametti tal-widna u t-tieni mezz ta' identifikazzjoni huwa stipulat fil-punt 4 tat-Taqsima A ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament. Wieħed mit-tieni mezz ta' identifikazzjoni huwa transponder elettroniku. Barra minn dan, l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 21/2004 jipprevedi li, mill-1 ta' Jannar 2008 jew data oħra ffissata mill-Kunsill, l-identifikazzjoni elettronika bħala t-tieni mezz ta' identifikazzjoni għandha tkun obbligatorja għall-annimali kollha.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 21/2004 jipprevedi għall-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' linji ta' gwida u proċeduri għall-implimentazzjoni ta' identifikazzjoni elettronika sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tiegħu. Dawn il-linji ta' gwida u l-proċeduri għandhom jiġu applikati għall-dawk l-annimali li għalihom diġà tintuża identifikazzjoni elettronika bħala t-tieni mezz ta' identifikazzjoni u għall-annimali kollha mid-data prevista fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament.
- (4) Sabiex jiġi żgurati li l-identifikaturi li għandhom jiġu applikati lill-annimali ovini u kaprini għall-għan tar-Regolament (KE) Nru 21/2004 huma kapaċi jinqraw fl-Istati Membri kollha, għandhom jiġu stipulati rekwiżiti minimi marbuta ma' ċerti testijiet ta' konformità u prestazzjoni f'din id-Deċiżjoni għall-approvazzjoni ta' l-identifikaturi.

⁽¹⁾ ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8.

▼B

- (5) Sabiex jipprovdu gwida għall-Istati Membri fir-rigward ta' qarrejja, għandhom jiġu stipulati rekwiżiti minimi marbuta ma' ċerti testijiet ta' konformità u prestazzjoni f'din id-Deċiżjoni filwaqt li jitqies li r-Regolament (KE) Nru 21/2004 ma jipprevedix li kull operatur irid ikollu qarrej fil-pussess tiegħu.
- (6) Minħabba l-kondizzjonijiet ġeografiċi u s-sistemi differenti ta' trobbija li fihom jinżammu l-annimali ovini u kaprini fil-Komunità, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li jirrikjedu testijiet ulterjuri ta' prestazzjoni filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet nazzjonali speċifiċi tagħhom.
- (7) L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) ppubblikat standards li jittrattaw ma' aspetti ta' identifikazzjoni ta' l-annimali bi frekwenza tar-radju (*radio frequency identification* – RFID). Barra minn dan, il-Kumitat Internazzjonali dwar ir-Reġistrazzjoni ta' l-Annimali (*International Committee on Animal Recording* – ICAR) żviluppa proċeduri mmirati li jivverifikaw il-konformità ta' ċerti karatteristiċi ta' RFID bi standards ta' l-ISO. Dawn il-proċeduri kienu ppubblikati fil-Ftehim Internazzjonali fuq il-Prassi ta' Reġistrazzjoni fil-verżjoni approvata mill-Assemblea Ġenerali ta' l-ICAR, Ġunju 2004. L-istandards ta' l-ISO huma aċċettati u użati internazzjonalment u għalhekk għandhom jitqiesu f'din id-Deċiżjoni.
- (8) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (*Joint Research Centre* – JRC) tal-Kummissjoni żviluppa Linji gwida Tekniċi li jispeċifikaw testijiet għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni u l-kapaċità li jinqraw tat-tagħmir ta' RFID li huma ppubblikati fuq il-websajt tal-JRC bħala standards tekniċi tal-JRC. L-elementi essenzjali ta' dawn il-linji gwida għandhom jitqiesu f'din id-Deċiżjoni.
- (9) Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (*European Committee for Standardisation* – CEN) ippubblika standards tekniċi li jittrattaw l-akkreditazzjoni tal-laboratorji ta' ttestjar. Dawn l-istandards (standards ta' l-EN) huma aċċettati u użati internazzjonalment u għalhekk għandhom jitqiesu f'din id-Deċiżjoni.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness ta' din id-Deċiżjoni jistipula linji ta' gwida u proċeduri għall-identifikazzjoni elettronika ta' l-annimali:

- (a) Għat-tieni mezz ta' identifikazzjoni, kif previst fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 21/2004 u msemmi fir-raba' inċiż tal-punt 4 tat-Taqsima A ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament, kif ukoll

▼B

- (b) previst fl-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 9(3) tar-Regolament (KEE) Nru 21/2004.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼ B

ANNEX

Linji ta' gwida u proċeduri għall-approvazzjoni ta' identifikaturi u ta' qarreja għall-identifikazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini skond ir-Regolament (KE) Nru 21/2004

KAPITOLU I

Definizzjonijiet

Għall-għan ta' dawn il-Linji ta' gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “Kodiċi tal-pajjiż” tfisser kodiċi numerika bi 3 ċifri li tirrappreżenta l-isem tal-pajjiż skond l-istandard ta' l-ISO 3166;
- (b) “Kodiċi nazzjonali ta' identifikazzjoni” tfisser kodiċi numerika bi 12-il ċifra għall-identifikar ta' animal individwali fuq livell nazzjonali;
- (ċ) “Kodiċi tat-trasponder” tfisser kodiċi elettronika ta' 64-bit iprogrammata fit-trasponder u li fiha *inter alia* l-kodiċi tal-pajjiż u l-kodiċi nazzjonali ta' identifikazzjoni u użata għall-identifikar elettroniku ta' l-annimali;
- (d) “Identifikatur” tfisser transponder passiv unikament qarrej li japplika t-teknoloġija HDX- jew FDX-B kif defnita fl-istandards ta' l-ISO 11784 u 11785 u inkorporata fil-mezzi differenti ta' identifikazzjoni kif imsemmi fl-Anness A tar-Regolament (KE) 21/2004;
- (e) “Qarrej” tfisser sinkronizzanti jew nonsinkronizzanti li, mill-anqas, huwa kapaċi li:
 - (i) jaqra identifikaturi; kif ukoll
 - (ii) juri l-kodiċi tal-pajjiż u l-kodiċi nazzjonali ta' identifikazzjoni;

▼ M2

▼ B

KAPITOLU II

Identifikaturi**▼ M2**

1. L-awtorità kompetenti għandha tapprova biss l-użu ta' identifikaturi li ġew ittesjati b'riżultati favorevoli fuq:

- (a) il-konformità tagħhom mal-istandards ISO 11784 u 11785, skont il-proċeduri tat-test speċifikati fil-punt 7 tal-istandard ISO 24631-1; kif ukoll

▼ **M2**

- (b) il-ksib ta' prestazzjoni minima dwar id-distanza tal-qari kif stipulat fil-punt 2, skont il-proċeduri speċifikati fil-punt 7 tal-istandard ISO 24631-3.
2. Sabiex jinkisbu distanzi ta' qari kif stabbilit fil-punt (c) tat-Taqsima A.6 tal-Anness mar-Regolament (KE) Nru 21/2004, it-transponder għandu jissodisfa l-parametri li ġejjin:
- (a) transponders li japplikaw it-teknoloġija HDX għandu jkollhom saħħa minima taż-żona manjetika ta' attivazzjoni inqas jew ekwivalenti għal 1,2 A/m, kif imkejla skont l-istandard ISO 24631-3, parti 7.6.5 "Minimal activating magnetic field strength in HDX mode" u għandhom jiżviluppaw amplitudni ta' modulazzjoni ekwivalenti għal 10 mV kif imkejla skont l-istandard ISO 24631-3, parti 7.6.7 "Modulation amplitude in HDX mode" b'saħħa ta' żona manjetika inqas minn jew ekwivalenti għal 1,2 A/m;
- (b) transponders li japplikaw it-teknoloġija FDX għandu jkollhom saħħa minima taż-żona manjetika ta' attivazzjoni inqas jew ekwivalenti għal 1,2 A/m, kif imkejla skont l-istandard ISO 24631-3, parti 7.6.4 "Minimal activating magnetic field strength in FDX mode" u għandhom jiżviluppaw amplitudni ta' modulazzjoni ekwivalenti għal 10 mV kif imkejla skont l-istandard ISO 24631-3, parti 7.6.6 "Modulation amplitude in FDX mode" b'saħħa ta' żona manjetika inqas minn jew ekwivalenti għal 1,2 A/m.

▼ **B**

3. L-istruttura tal-kodiċi tat-transponder għandha tkun skond l-istandard ta' l-ISO 11784 u d-deskrizzjonijiet stipulati fit-tabella li ġejja:

Nru tal-Bit(s)	Numru ta' ċifri	Nru ta' kombinazzjonijiet	Deskrizzjoni
1	1	2	Il-bit jindika jekk l-identifikatur huwiex użat għall-identifikazzjoni ta' l-annimali jew le. Fl-applikazzjonijiet kollha ta' l-annimali dan il-bit se jkun "1"
2-4	1	8	<i>Retagging counter</i> (0 sa 7).
5-9	2	32	Kamp ta' Tagħrif għall-Utent. Dan il-bit għandu jkun fih "04" li jikkodifika l-kodiċi NM għan-nagħaġ u l-mogħoż skond il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1, il-Parti II ta' l-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2568/87 (?).
10-15	2	64	Vojt – Kollha żero (riżervat għal applikazzjonijiet futuri).
16	1	2	Dan il-bit jindika l-preżenza jew in-nuqqas ta' tagħha ta' blokk ta' <i>data</i> (għall-użu fl-annimali dan il-bit għandu jkun "0" = blokk ta' ebda <i>data</i>).

▼B

Nru tal-Bit(s)	Numru ta'ċifri	Nru ta' kombinazzjonijiet	Deskrizzjoni
17-26	4	1 024	Kodiċi tal-pajjiżi kif definiti fil-punt (a) tal-Kapitolu 1.
27-64	12	274 877 906 944	Kodiċi nazzjonali ta' identifikazzjoni kif definit fil-punt (b) tal-Kapitolu 1. Jekk il-kodiċi nazzjonali ta' identifikazzjoni huwa anqas minn 12-il ċifra, l-ispazju bejn il-kodiċi nazzjonali ta' identifikazzjoni u l-kodiċi nazzjonali għandu jkun komplut biż-żeri.

(¹) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

4. L-awtorità kompetenti tista' titlob testijiet addizzjonali għar-robustezza u r-reżistenza ta' identifikaturi skond il-proċeduri deskritti fil-Parti 2 tal-Linji Gwida Tekniċi taċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni (JRC).
5. L-awtorità kompetenti tista' titlob kriteji oħra ta' prestazzjoni sabiex tiżgura l-kapaċità ta' tħaddim ta' l-identifikaturi taħt il-kondizzjonijiet ġeografiċi, klimatiċi u ġestjonali speċifiċi ta' l-Istat Membru kkonċernat.

▼M2

6. Approvazzjonijiet mogħtija mill-awtorità kompetenti sat-30 ta' Ġunju 2010 għall-identifikaturi li huma ttestjati bil-metodi għall-approvazzjoni tal-identifikaturi applikabbli sa dik id-data għandhom ikompli jkunu validi.

KAPITOLU III**Mezzi tal-qari**

Jekk meħtieġ biex jiżguraw il-qari korrett tal-identifikaturi skont il-kundizzjonijiet speċifiċi ġeografiċi, klimatiċi u/jew tal-ġestjoni tagħhom jistgħu jimponu kriterji speċifiċi ta' prestazzjoni fuq il-qarrejja li jintużaw f'razzett speċifiku jew f'tip ta' razzett speċifiku. Il-kundizzjonijiet ta' ġestjoni li jiġġustifikaw kriterji speċifiċi ta' prestazzjoni bħal dawn x'aktarx li jissuktaw firżiezet li jitrattaw għadd kbir ta' annimali mmarkati b'identifikaturi li japplikaw it-teknoloġija HDX u FDX-B u/jew irziezet fejn is-sinkronizzazzjoni tal-qarrejja hija meħtieġa skont il-punt 7.7.3 tal-istandard ISO 24631-2.

KAPITOLU IV**Laboratorji u proċedura għall-ittestjar**

It-testijiet speċifikati fil-punti 1-4 tal-Kapitolu II għandhom jitwettqu fil-laboratorji għall-ittestjar li joperaw u huma evalwati u kkreditati għal dawk it-testijiet skont l-istandard EN ISO/IEC 17025 dwar 'General requirements for the competence of testing and calibration laboratories'. Il-manifatturi għall-identifikaturi li japplikaw għat-testijiet jistgħu jagħżlu b'mod liberu fost il-laboratorji għall-ittestjar.